# BELLE U L-MOSTRU

musical ibbazat fuq il-film animat
**BEAUTY & THE BEAST**

Kitba u lirika ta'
***TREVOR ZAHRA***

==========================================================

**JIEHDU SEHEM:**
Karattri Ewlenin:

Belle(tfajla)
Maurice(missierha)
Gaston:(zaghzugh)
Antoine(habib ta' Gaston)
Mostru
Lumier(seftur
Francois: (seftur)
Camille(tifla bint Lumier)
Sur Gerard (librar)
Rene (furnar)
Tliet Tfajliet (ammiraturi ta' Gaston):
Zeffiena Rgiel (hbieb ta' Gaston) / Gellieda:
Zeffiena Tfajliet (sefturi fil-palazz):

-----------------------------------------------------------------------------------

## *L-EWWEL ATT*

IL-BELT

Malli tiftah il-purtiera jitfacca ktieb kbir
fuq forci. Tifla tersaq tifthu. Fuqu jibdew jidhru sensiela ta' "slides" waqt li fuq tape jinstama':

Narratur: F'pajjiz 'il boghod kien jghix Princep zaghzugh. Kellu dak kollu li tixtieq qalbu: gmiel, gid, setgha... izda kellu nieqsa l-aqwa haga: l-imhabba. Qatt ma kien ghadu daq xi tfisser tbatija u ghalhekk la kien jaf ihobb u lanqas kif ikun mahbub.

Lejla wahda resqet wara biebu xwejha tallaba. Talbitu jaghtiha loqma hobz u kenn ghal-lejl. Qaltlu li jekk jaghmel din il-karita` maghha hija kienet tirregalalu daqsxejn ta' warda. Imma l-Princep infexx jidhak biha u wegibha li ma kellux bzonn il-ward taghha. Kien ga se jsabbtilha l-bieb f'wiccha... meta f'daqqa wahda, ix-xwejha tallaba nbidlet f'sahhara ta' gmiel li ma bhalu.
Il-Princep ipprova jiskuza ruhu maghha... imma issa kien tard wisq.
"Bhala kastig ta' l-ebusija ta' qalbek," qaltlu s-sahhara, "minn issa stess inti tinbidel f'mostru, u tibqa' hekk bis-sura ta' bhima sakemm titghallem thobb u xi hadd jaghtik lura mhabbtu!"

Imbaghad tatu f'idu l-warda. "Ha!" qaltlu, "Din il-warda tibqa' friska biss sa ma inti taghlaq il-wiehed u ghoxrin sena. Wara daz-zmien il-warda tibda tidbiel u tmut. Jekk inti ma jirnexxilekx tikseb lura s-sura ta' bniedem qabel tmut din il-warda, inti tibqa' mostru ghal dejjem!"

Minnufih il-Princep inbidel f'sura tal-biza'. Issakkar gol-palazz tieghu u nqata' ghal kollox mid-dinja ta' madwaru. Sar bhima feroci u bla qalb. U z-zmien baqa' ghaddej.

------------------------------------------------------------

<u>TOHROG BELLE FLIMKIEN MAN-NIES TAL-BELT</u>

**<u>KANZUNETTA Nru.1</u>** <u>"IS-SLIEM"</u>

Belle: F'din il-belt,
Timxi l-hajja kwieta,
Ghax kuljum,
hu jum bhall-ohrajn;
F'din il-belt,
Jghixu wkoll nies kwieti,
Jghidu dlonk mas-sebh....

Nies: Is-Sliem - Is-Sliem!
Is-Sliem - Is-Sliem!

Belle: Hemm hu l-furnar ghaddej bil-hobz bhas-soltu,
Hobz bnin ifuh u ghadu shun,
Kull filghodu, bla mistrieh,
In-nies tisbah tistennieh,
Anki jekk jinzerta l-ksieh!

======== <u>PARLANT :</u> ============

Furnar: Bongu Belle...

Belle: Bongu Rene... xi jfuh il-hobz dal-ghodu !

Furnar: Dazgur li jfuh. Qattajna l-lejl kollu flimkien... hu rieqed gol-forn u jiena mqajjem ghassa tieghu.

Belle: Miskin Rene... waqt li ahna reqdin hu dejjem jahdem...

Furnar: Imma issa l-folja tinqaleb. Issa l-hobz jinbiegh, jitqatta' bicciet u jittiekel, waqt li Rene` (juri lilu nnifsu) jmur jiehu naghsa twila, twila...

============ <u>TKOMPLI L-KANZUNETTA:</u> =========

Nies: Is-sliem! - Is-sliem!
Is-Sliem! - Is-Sliem!

Grupp: Dit-tfajla helwa kulhadd jafha sewwa,
Kuljum ghaddejja ggorr xi ktieb;
Taqra w taqra bla waqfien,
Sa tal-hrafa ssib it-tmiem,
Tghix mitlufa f'dinja msahhra kollha lwien.

Nies lil
xulxin: Is-Sliem! - Is-sliem!
Kif int dalghodu?
Is-Sliem! - Is-Sliem!
Qomt mhux hazin!
Mill-gdid - ghax-xoghol
Hekk hi hajjitna,

Belle: Bil-fors xi mkien hemm hajj' isbah minn din!

========= PARLANT: ============

LIBRAR: Bongu Belle...

Belle: Bongu Sur Gerard. Gejja sal-librerija tieghek. Hawn ara, kont se ngiblek lura l-
ahhar ktieb li ssellift...

LIBRAR: (jiehu l-ktieb f'idu). Imma Belle, ruhi, minghalija dan ga selliftu tliet darbiet ohra!

Belle: U minn hawn u ftit iehor nerga' nitlobhulek. Ma nixba' qatt naqrah.

LIBRAR: Tassew? Mela jekk hu hekk, tista' zzommu ghal kollox.

Belle: Ghal kollox?

LIBRAR: Hekk hu! Il-ktieb hu l-aqwa habib. Jekk inti
u dan il-ktieb sirtu hbieb hekk tal-qalb, m'ghandi l-ebda dritt li nifridkom.

Belle: Grazzi Sur Gerard!

========== TKOMPLI L-KANZUNETTA: =======

Nies: Jisimha "Belle" u tabilhaqq grazzjuza,
M'hawnx isbah minnha f'din il-belt,
Qalbha tajba ma' kulhadd,
Ma tismaghha tgerger qatt,
Tabilhaqq kontrieha zgur ma jghid xejn hadd!

Belle: Din,
Belt wisq zghira ghalija,
Minghajr l-ebda fantasija mkien!
Jien,
Hajti rrid mimlija,
B'hena sahharija

Li nixtieq insib xi mkien.

Nies: Dit-tfajla helwa kulhadd jafha sewwa,
Kuljum ghaddejja ggorr xi ktieb;
Taqra w taqra bla waqfien,
Sa tal-hrafa ssib it-tmiem,
Tghix mitlufa f'dinja ta' hlewwiet
Mohhha kollu mimli hsibijiet;
Mhux ta' b'xejn hi l-isbah wahda mit-tfajliet

****************

BELLE U L-LIBRAR JITILQU.

JOHROG GASTON MA' ANTOINE

Gaston: Rajt min ghadu kemm ghadda minn hawn ?

Antoine: Rene il-furnar.

Gaston: U min aktar ?

Antoine: Is-Sur Gerard il-Librar.

Gaston: U lil min kellu mieghu is-Sur Gerard l-Librar ?

Antoine: Lil Rene l-Furnar...

Gaston: Imma kemm tiflah tkun imbecilli! Li kieku qghadt attent kif dejjem noqghod jien, kont tinduna li mas-Sur Gerard kien hemm ukoll Belle.

Antoine: Belle ??? (donnu ma jafx ghal min qed jghid)

Gaston: Belle. Eh... Belle... it-tifla ta' dak l-izmagat ta' Maurice. It-tfajla li dalwaqt se tkun il-mara tieghi.

Antoine: Tassew? (johodlu b'idu bil-goff). Nifrahlek Gaston, sieheb. U l-bierah stess iltqajt ma' missierha u lanqas qalli xejn.

Gaston: Ghax ghal issa hadd ghadu ma jaf... lanqasBelle stess.

Antoine: Kif inhi din? U jekk Belle ma jkollhiex grazzja...

Gaston: (jahtfu u jersaq b'wiccu mieghu) X'inhu? X'kont se tghid?

Antoine: Xejn... xejn... ghidt forsi Belle....

Gaston: Ma jidhirlekx li Belle hija l-isbah tfajla tal-Belt ?

| | |
|---|---|
| Antoine: | Dazgur... dazgur... l-isbah tfajla! |
| Gaston: | U min hu l-uniku guvni fil-Belt kollha li jixtraqlu biss l-isbah... u l-aqwa u l-ahjar? |
| Antoine: | Heqq... naturalment... |
| Gaston: | Jien! JIEN! Iz-zaghzugh li jzejjen it-triqat<br>li minnhom jghaddi. Iz-zaghzugh li bla m'ghandu tort, qed jaqsam il-qlub tat-tfajliet kollha tal-belt. Jien... Gaston. U tahseb inti li Belle ma tixtieqx titlef anki d-dawl t-ghajnejha biex tkun tieghi? Eh? EH!!!! |
| Antoine: | Imma jekk titlef id-dawl t'ghajnejha ma tkunx tista' titpaxxa bik aktar. |
| | **KANZUNETTA Nru.2** <u>- "GASTON"</u> |
| Gaston: | Sa minn ckuniti jien kont tfajjel hlejju,<br>U kbirt f'zaghzugh mill-isbah nett,<br>It-tfajliet kemm jiffullaw,<br>Hekk kif lili jinnotaw,<br>Kieku jistghu mieghi kollha jinnamraw! |
| Tfajliet: | Is-Sliem! - Is-sliem!<br>Kif int dalghodu? |
| Gaston | Is-Sliem! - Is-Sliem!<br>Ferhan se ntir! |
| Tfajliet: | Mill-gdid - ghax-xoghol<br>Xi gmiel ta' hajja; |
| Gaston: | Bis-sahha tieghi tkunu hienja zgur! |
| Tfajliet: | Gaston, xi hlew, jaqsmilna qalbna,<br>Gaston, xi gmiel, tassew grazzjuz,<br>Jigri w jaqbez bla waqfien,<br>Dlonk issibu kullimkien,<br>Lesta anki nqajjem l-aqwa rvell,<br>Lesta anki naghmel mitt appell,<br>Basta jiehu lili b'martu flok lil Belle ! |
| | <u>GASTON U ANTOINE JITILQU</u> |
| | <u>JASLU BELLE U MAURICE - Maurice mghobbi bil-basktijiet ghall-vjagg.</u> |
| Belle: | Imma, missier, mhux ahjar stennejt ftit gimghat<br>ohra... imqar sa ma l-kesha tnaqqas? |
| Maurice: | Ma nistax ikun... jehtieg nitlaq lejn il-Belt minghajr telf ta' zmien. Ma rajtux l-avviz fil-gazzetta. |
| Belle: | Iva rajtu... |
| Maurice: | (<u>Johrog gazzetta mghaffga mill-but</u>)<br>Invenzjoni stupenda. Magna li tahsel, il-platti, tnixxifhom u tillustrahom! Belle, ruhi, jehtieg naraha llum qabel ghada. |

Belle: Imma missier, ahna x'nambuha magna bhal din?

Maurice: Mela inti hsibtni se mmur biex nixtriha! Ma tarax li l-kbir inventur Maurice D'Anton qatt mhu se jaqa' daqshekk fil-baxx li jixtri l-makkinarju ta' haddiehor! Jiena rrid biss naraha sabiex bis-sahha taghha nkun nista' nipperfezzjona l-invenzjoni gdida tieghi. Imbaghad il-gurnali malajr jinsew il-magna li tahsel il-platti. Minnufih ilkoll igibu b'ittri kbar: INVENZJONI BRILLANTI TA' MAURICE D'ANTON....

Belle: (taqbez tghidha mieghu... b'nuqqas ta' interess):
Maurice: ...il-magna li thejjilek il-kolazzjon!

Marurice: Kull ma trid taghmel huwa li tirregola l-izveljarin fil-hin li fih tixtieq tqum. Preciz malli jcempel l-izveljarin il-roti kollha tal-magna jibdew jiccaqalqu. (johrog disinn kbir mill-but)... l-ewwel jinxteghel il-gass u l-kitla tghalli l-mishun. Imbaghad jaqa' l-bajd, jinqasam u jinzel dritt got-tagen. Imbaghad minn hawn.. minn hawn ara, jaqa' z-zalzett go tagen iehor. Din il-giljottina ckejkna taqsam il-laring min-nofs u dawn iz-zewg roti hoxnin jaghsruh bejniethom u l-meraq jaqa' go dan il-vazett....

Belle: Sakemm ma jigrix kif gralek id-darba l-ohra....

Maurice: X'jigifieri? X'inti thawwad???

Belle: Meta kollox gara bil-maqlub... il-giljottina faqghet il-bajd u l-laring waqa' jinqela got-tagen...

Maurice: Propju ghalhekk jehtieg nara l-magna li qed jirreklamaw.... biex inkun nista' nipperfezzjona. U issa, Belle, ruhi, se jkolli nhallik... ghax iz-ziemel, miskin zgur iddejjaq jistenna.

Belle: Oqoghod attent inti w ghaddej mill-bosk...

Maurice: Mela nsejt li se niehu mieghi l-ixkubetta li vvintajt jien... din li tispara wahidha malli tilmah l-ghawg...

Belle: Propju minn dik qed nibza'!

Maurice: Kun imbierka binti... jumejn jew tlieta ohra nerga' nkun hawn....

Belle: Oqghod attent

Maurice: Tihux hsiebi....

MAURICE JITLAQ...

WARA FTIT JIDHLU GASTON U ANTOINE.

Gaston: (lil Belle) Ghadni kemm rajt lis-Sur Maurice ghaddej biz-ziemel.

Belle: Tela' qadja sal-Belt...

Antoine: Forsi baghat ghalih is-Sultan biex jixtri fi wahda mill-invenzjonijiet stupendi tieghu???

Gaston: (bla ma jaghti kas ta' kliem siehbu) U s-sbejha Belle se jkollha toqghod wahidha; bla m'ghandha 'l hadd min jipprotegiha...

Belle: Jaqaw qed tahsibni xi tifla zghira li m'ghandix hila niehu hsieb tieghi nnifsi....

Gaston: Dazgur li m'ghadekx tifla! Inti issa tfajla... kbira... u tfajliet ta' l-eta` tieghek ikunu diga` gharajjes...

Antoine: (Lil Belle) Ara Gaston x'inhu helu... idhollu!

Gaston (Idur b'rabja fuq siehbu) Inti fittex mur dabbar rasek x'imkien u hallina bi kwieti. Mur... sparixxi...!

Antoine: Kollox sew... kollox sew!
(Lill-Udjenza:) Jien biex inhajjarha ghalih, wara kollox.
(Imur fil-genb imma jibqa' jsegwi kull ma jkun qed isir bejn Gaston u Belle).

Gaston: U nisthajjel inti wkoll tixtieq li jkollok gharus...

Belle: M'ghandix ghagla...

Gaston: Dazgur... sakemm ma tiltaqax ma' guvni li jgennek ghal warajh... ma jkollokx ghagla...

Antoine: (minn taht) Jien nahseb li mhu se jaghmel xejn.

Belle: S'issa l-ebda guvni ghadu ma genninni daqshekk.

Antoine: (minn taht) Smajtha?!

Gaston: Tassew? Tassew? Imma xi tghid kieku... kieku kelli nghidlek li JIEN qed nipproponilek tkun l-gharusa tieghi...

Belle: Kif? Int?!!!

Gaston: Ghandek ragun tiskanta. Forsi ma thossokx denja li tkun l-gharusa tieghi. Ghandek ragun. Imma issa hallina minn dan. (Lehnu jiehu ton ta' formalita`) Jiena Gaston Ferdinand de Petite, qieghed formalment naghtik l-opportunita` li mil-lum 'il quddiem tkun l-gharusa tieghi.

Antoine: (Minn taht) U qis li tghidlu: "merci mon amour!"!

Belle: Le... ma jistax ikun. Skuzani.

Gaston: Kif ma jistax ikun? X'jigifieri?

Belle: Ma nahsibx li nhossni migbuda bizzejjed lejk...

Gaston: Kif??? Inti daqshekk bla mohh li tasal taghti bis-sieq lil xortik? Min jaf kemm hawn tfajliet li jghiru ghalik... li lesti jitilfu d-dawl t'ghajnejhom u s-smigh kollu ta' widnejhom biex ikunu tieghi.

Belle: Tajjeb.. mela mur sib dawn it-tfajliet ghomja u torox u hu lilkom. Sahha.

TITLAQ - GASTON MITLUF FIR-RABJA

Gaston: (Idur fuq Antoine, imma dan malli jinduna li Gaston riesaq ikellmu jaghmel ta' bir-ruhu kien aljenat)
Smajtha?

Antoine: X'gara? Lil min?

Gaston: Lil Belle!!

Antoine: Kollox sew? Ghal meta se titgharrsu?

Gaston: Tfajla ngrata u bla qalb. Taf x'kellha l-wicc tost tghidli?
(Jimitaha:) "Ma nahsibx li nhossni migbuda bizzejjed lejk!"

Antoine: Tassew? X'wahda din kemm hi bla qalb.

Gaston: Ingrata!

Antoine: Kif jista' jkun li l-kbir u s-sbejjah u l-famuz Gaston qatt jigi rrifjutat minn tfajla?! Din vergonja! Tragedja.

JIBDEW DEHLIN L-IRGIEL

Qatt ma nstema' skandlu akbar minn dan. Kieku
kont jiena kont inhossni milqut bi stallett hawn... hawnhekk ara go nofs qalbi...
(In-nies iduru skantati madwar Antoine)
u ninzel gharkobbtejja u nhalli demmi kollu hiereg mill-ferita u nintelaq ghal mejjet hekk... fl-art...

Ragel.1 X'wahda din... xi gralek Antoine ?

Antoine: (Iqum mill-art bi tbissima) Jien? Xejn. Gaston miskin... ghadu kemm ippropona lil Belle u rrifjutat imhabbtu!

KULHADD: Hiii... x'wahda din.

Ragel.2 (Lil Gaston) Tassew Gaston ?

Gaston: Halluni... tlift giehi kollu.

Ragel.3 U ejja Gaston, hallik mill-hmerijiet.

Gaston: Iva, tlift giehi!

Ragel.4 X'inti tghid... x'wahda din!?

Antoine: Halluh..! Ma smajtuhx x'qal? Tilef giehu!

Gaston: Qatt ma bsart li jezistu tfajliet dashekk bla qalb...

Ragel.1 U iva... hawn tant imgienen ghal warajk...

Ragel.2 Bhal Claudette !

Ragel.3 Jew Angelique !

Ragel.4 Jew Charlotte !

Gaston: Le... Belle l-isbah wahda. U Gaston jisthoqqlu biss l-isbah. Imma issa jien tlift giehi.

Antoine: Af li issa qed iggibha bi kbira zzejjed. Int qatt ma taqta' qalbek minn xejn. Inti l-aqwa u l-isbah zaghzugh tal-Belt.
========================

**KANZUNETTA Nru. 3 -**
"M'HAWNX NIES SNIEH DAQS GASTON"

Antoine: Ma rridx narak qalbek sewda, Gaston,
Ma nafek qatt bil-geddum,
Hallik minn dal-bluhat kollha, Gaston,
Dad-disappunt mhux se jdum.

M'hawnx iehor fil-belt tant bil-kbir rispettat,
Ghax int popolari tassew,
Minnek ihossu kulhadd ispirat,
Qatt... lilek qatt ma nistghu ninsew...

M'hawnx nies sbieh daqs Gaston,
Qalbenin daqs Gaston,
M'hawnx cajtiera w ferrieha w ghaqlin daqs Gaston,
Nafu sew l'inti lussu ghalina,
Niftahru bik ma' kulhadd,
Tista' ssaqsi 'l min trid zgur li jghidlek,
Min hu l-guvni li mieghu ma tiddejjaq qatt!

Rgiel: M'hawnx nies sbieh daqs Gaston,
Qalbenin daqs Gaston,
M'hawnx cajtiera w ferrieha w ghaqlin daqs Gaston,

Gaston: Bhala genju tassew jien eccezzjonali,
Rgiel: M'hawnx nies helwin daqs Gaston!

********************

KULHADD JITLAQ - Jidhol il-Librar eccitat.

Librar: Belle... Belle...

Belle: Hawn... x'gara Sur Gerard? Kemm tidher inkwetat!

Librar: Skuzani ruhi, Belle. Ma nafx dan kollu xi jfisser. Kont fil-bieb tal-hanut meta x'daqqa wahda nilmah iz-ziemel tas-Sur Maurice gej lura wahdu...

Belle: Iz-ziemel ta' missieri?

Librar: U missierek ma jidher imkien. X'wahda din.. mhux ghax irrid nimlielek rasek... imma...

Belle: Zgur qabzu fuqu l-hallelin meta kien ghaddej mill-bosk....

Librar: Jew ... forsi... hassu hazin ....

Belle: Immur infittxu...

Librar: Stenna ftit ha nghidu 'l xi hadd jigi mieghek.

Belle: Le... m'hemmx zmien x'nitlef. Fejn hu z-ziemel?

Librar: Rajtu wieqaf wara l-bieb tar-remissa... Iva stenna ftit...

Belle: Hallejtek. Sahha Sur Gerard.

**--------------------------- *TMIEM L-EWWEL ATT* --------------------------------**

## IT-TIENI ATT

IL-PALAZZ TAL-MOSTRU.

Belle tidhol bil-kappell ta' missieha f'idha

Belle: Skuzi... hawn xi hadd hawn? Sibt il-bieb imbexxaq u bqajt diehla. Hawn xi hadd?

Jidhlu Lumier u Francois

Lumier X'wahda din... dan kif dhalt hawn gew?

Belle: Heqq, sibt il-bieb miftuh u dhalt.

Francois: Tajjeb... mela ghandi nahseb li l-bieb ghadu miftuh u bhalma dhalt tista' terga' tohrog.

Camille: (Lil Francois) Stenna ftit, missier. Din it-tfajla tehtieg l-ghajnuna taghna. (Lil Belle) X'giebek 'l hawn, sinjorina?

Belle: Hdejn il-kancell tal-bieb sibt dan... il-kappell ta' missieri. Bil-fors li missieri jinsab hawn.

Lumier: (Johdilha l-kappell minn isha) Forsi xi kappell jixbhu, xi tghid Francois ?

Francois: Hawn hafna kpiepel bhal dan. Fejn taf li hu zgur ta' missierek?

Camille: X'jismu missierek?

Belle: Maurice! Sinjuri... jekk joghgobkom, ghiduli fejn jinsab. Qed nibza' li gratlu xi dizgrazzja kbira.

Lumier, Francois u Camille iharsu lejn xulxin ikkonfonduti.

Camille: Missier, nahseb li ma jistax ikun li tfajla helwa bhal din inhalluha hekk.

Lumier: Qalbi ma ttinix... tafu kemm jien qalbi zghira.

Belle: X'gara mela? Zgur kif hsibt jien... fittxu ghiduli.

IRRESSQUHA FIL-GENB

Lumier: Ghax... dan il-post huwa l-kastell ta'... ta' mostru.

Camille: U l-imsejken missierek waqa' lsir tieghu. Zgur ma jhallihx aktar jara d-dawl ta' barra.

Francois: U jiena nahseb li anki inti, jaqbillek tfittex tmur mnejn gejt qabel ma l-mostru jintebah bik.

Lumier: Ghadek ma tafx x'nervi ghandu u kif jarma jkisser u jfarrak kull ma jara b'ghajnejh meta xi hadd jikkuntlarjah.

Belle: (Soda) Le. Ma jistax ikun. Ma nitlaqx minn hawn qabel ma nara lil missieri. L-ebda Mostru mhu se jbezzaghni.
(Tghajjat u ddur 'l hawn u 'l hinn)
Missier... missier... fejn inti?
Missier... hawn jiena Belle... gejt ghalik...

JIXGHEL ID-DAWL WARA L-ARKATI U JITFACCA SILWETT TAL-MOSTRU.

Lumier, Francois u Camille jitilqu.

Mostru: X'gara? Min dahal bla jedd fis-saltna tieghi?

Belle: Nitolbok... tkunx kiefer mieghi. Jekk ghandek lil missieri prigunier... fittex ehilsu.

Mostru: Nehilsu? Mela ma tafx x'inti tghid? Ghadek ma ntbahtx lil min qed tkellem? Bhima kiefra... bla qalb u... u bla raguni. Missierek se jibqa' hawn mieghi ghal dejjem. Issa fittex mur mnejn gejt... (Jahbat se jitlaq)

Belle: Stenna.. stenna.... Kollox sew mela; noqghod jiena minfloku...

Mostru: (jieqaf f'salt) X'inhu?

Belle: Halli lil missieri jmur u zomm lili hawn.

Mostru: Taf x'inti tghid?

Belle: Iva naf.

Mostru: Tibqa' hawn ghal dejjem..!

Belle: (Imbikkija) Ma jimpurtax.

Mostru: U ma tohrog qatt aktar 'il barra mill-hitan ta' dan il-kastell.

Belle: Ma jimpurtax... basta tehles lil missier.

Mostru: (jahsibha) Kollox sew...
(Jghajjat) Lumier, Francois... ehlisu lil prigunier u ixhtuh 'il barra mill-kastell.
(Lil Belle)
U ibqa' ftakar ... li din kienet ix-xewqa tieghek. Tieghek biss.

MOSTRU JWARRAB.
Minn wara l-arkata (silwett) jidhru Lumier u Francois imexxu lil MAURICE 'il barra. Belle tilmhu ghaddej.

Belle: Missier!

Maurice: Belle! X'int taghmel hawn? Waqajt priguniera inti wkoll?

Mostru: (B'rabja) Huduh 'il barra.

Maurice: Belle.

Belle: Missier!

Kulhadd jitlaq u tibqa' Belle wahidha. Tinzel kokka bl-art TIBKI.

Wara ftit jidhol il-Mostru minn QUDDIEM l-arkati u jmur bil-wieqfa warajha. Belle ma tintebahx bih mill-ewwel. Tilmah riglejh. Tieqaf mill-biki u l-harsa taghha tibda tielgha bil-mod il-mod sa ma tieqaf fuq wiccu. Tqum u tingibed lura mbezzgha.

Mostru: Tibza' minni ?

Belle: Le... le... miniex xi wahda li tibza' minn dellha.

Mostru: Jaqbillek. Ghax se jkollok tqatta' hajtek kollha mieghi. Ghandek guh?

Belle: Mhux wisq.

Mostru: Imma la darba inti l-prig... ridt nghid... il-mistiedna tieghi... jehtieg li jkollok ikel kemm trid... u lbies ahjar milli ghandek.

(Jghajjat) Sefturi... ersqu 'l hawn.

Jidhlu jigru 2 tfaljiet sefturi.

Mostru: Hudu hsiebha...

Mostru jitlaq minn nahda. Belle u z-zewg tfaljiet min-naha l-ohra.

Wara ftit jidhlu Lumier, Francois u Camille.

Camille: Imsejkna tfajla - se tispicca bhalna - ilsira go gagga tad-deheb.

Francois: Imma... tafu xejn x'kont qed nahseb? Min jaf din it-tfajla tkun il-mezz li ssalvana lkoll?

Lumier: Jien issa qtajt qalbi. Iz-zmien ghaddej u l-Mostru u ahna se nibqghu kif ahna ghal dejjem.
Il-warda msahhra ga bdiet tidbiel!

Camille: Tidher tfajla helwa. Twajba. Forsi jekk il-Mostru ma jkunx kiefer izzejjed maghha jirnexxilha ssir...

Lumier: Thobbu???? U ma tarawhx. Kif tista' tfajla helwa bhal dik issir thobb mostru?

Francois: Ftit xhur ohra u l-wiehed u ghoxrin sena jkunu ghaddew. Imbaghad ikun tard wisq. Il-mostru jibqa' mostru ghal dejjem...

Camille: U ahna qatt aktar ma nirfsu mill-ghatba tal-kastell 'il barra.

Lumier: Hu prigunier fis-sura ta' bhima...

Camille: U ahna prigunieri bejn dawn il-hitan hoxnin.

Francois: Hu x'inhu, lit-tfajla jehtieg li nzommuha kuntenta kemm jista' jkun u lill-Mostru nhegguh biex ikun gentili maghha...

Lumier: Jekk jaf kif...

TIDHOL BELLE MAL-QADDEJJA b'libsa ta' l-okkazjoni.

Camille: Merhba bik fil-familja kbira taghna.

Lumier: Merhba bik... principessa ckejkna.

Francois: Issa tara kif maghna ma jkun jonqsok xejn.

Camille: Dan il-kastell joffrilek dinja shiha mimlija avventura u misteri.

Lumier: U lilna ssibna dejjem pronti ghall-ordnijiet
tieghek.

Belle: Grazzi.

Lumier: Qatt aktar m'ghandek ghalfejn tithabat. Int ikkamanda u halli kollox fi hsiebna...

<u>**KANZUNETTA Nru.4** - "MERHBA BIK"</u>

Lumier/shabu:

Merhba bik - merhba bik
Kulhadd lest biex iservik,
F'dal-kastell issib kull hena
Qatt mhu se jiddispjecik.

Ahseb ftit - inti s-sid
Ikel ghandek kull ma trid;
Semmi biss ix-xewqat tieghek
U tarana pronti mieghek.

Tahseb xejn, m'hemmx ghalfejn.

Lum/ Fran.

Niehdu hsiebek ahna t-tnejn,
Kull gurnata tkun wisq isbah mill-ohrajn,
Ix-xoghol hallih ghalina,
Zomm biss it-tbissima
Merhba bik!
Merhba bik!
Merhba bik!

Kor:

Kejkijiet - Suflejiet,
Hawn kull xorta ta' hlewwiet,
Torti, pasti jew gelati,
Ghandna l-isbah frottijiet.

Hut kemm trid - jew qarnit
Zalza ttekktek kollha nbid,
Koxxa tal-majjal tarija...
Jew tigiega l-forn, mimlija...

Fi ftit hin, pranzu bnin,
B'kull ricetta ta' l-ghagin,
Ghax kull ikla differenti mill-ohrajn,
Ix-xoghol hallih ghalina,
Zomm biss it-tbissima
Merhba bik!
Merhba bik!
Merhba bik!

******************

<u>JIDHOL IL-MOSTRU.</u>

Mostru: Kif thossok?

Belle: (<u>B'qalbha sewda</u>) Tajba.

Mostru: Hawn ghandek kull ma trid. Hwejjeg, gojjelli, swali kbar, gonna... ghandek kull ma wiehed jixtieq. Imma ftakar...

Belle: Ghaliex inti daqshekk goff f'imgibtek ?

Mostru: Min? Jien? Mhux bilfors inkun goff u kattiv. Jien bhima... mostru...

Belle: Iva.. naf... imma dak hu biss li jidher minn barra. Jiena aktar jinteressani dak li hemm gewwa...

Mostru: X'taf fuqi int? X'taf fuq dak li ghandi hawn (juri qalbu) hawn... go fija ?

Belle: Naf li ... dak li jidher minn barra, il-wicc u is-sura jistghu jqarrqu bina. Xi drabi, dak li minnbarra jidher tant sabih u attraenti jista' jkun qed jahbi l-aktar hwejjeg koroh. Imma daqstant iehor jista' dak li mad-daqqa t'ghajn jidher stramb... ikollu taht il-qoxra tieghu gmiel mill-aqwa.

Mostru: (ghall-ewwel jahbat se jinteraessa ruhi fi kliemha, imma minnufih jikseb il-qilla ta' qabel.)
Le... imma mhux jien. Jien ma nahbi xejn. Dak li qed tara hawn (wiccu) jinsab hawn ukoll (qalbu). Issa mur.. mur... hallini bi kwieti.

BELLE TITLAQ. Il-Mostru jibqa' wahdu -hosbien. Ihares 'il barra mill-arkati b'dahru lejn l-udjenza. Wara ftit jidhlu Francois, Lumier u Camille.

Lumier: Ja Sidi...

Mostru: (Jibqa' b'dahru lejhom) X'inqala' issa? X'ghandkom bzonn?

Francois: It-tfajla... Belle... tidher qalbha tajba hafna.

Mostru: Allura?

Camille: Jekk forsi timxi maghha xi ftit aktar bil-hlewwa...

Lumier: Iddawwarha mal-gonna, tinteressa ruhek fiha u tkellimha bil-gentilezza...

Francois: Ghandha mnejn tibda tingibed lejk...

Mostru: (Idur lejhom bil-mod... b'lehen baxx rassenjat)
Isktu... ghadkom ma qtajtux qalbkom? Ma tafux li ghalija m'hemmx tama? Tfajla helwa bhal dik...

Lumier: Imma qalbha tajba... qalbha tajba hafna.

Francois: Ghidna min jaf kieku l-lejla naghmlu ballu kbir...

Camille: U inti tistieden lil Belle biex tkun is-siehba tieghek matul il-ballu...

Lumier: Nixeghlu s-sala l-kbira u ngibu l-muzika ta' dari...

Francois: U titlob lil Belle tizfen mieghek. Min jaf?

Camille: Min jaf?

Mostru: (<u>Jerga' jdur dahru lejhom hosbien</u>).
Ma nafx... ma nafx....

Camille: Qatt ma resqet 'l hawn tfajla gentili daqs Belle.

<u>Mumenti ta' sikta...</u>

Mostru: Morru ixeghlu s-sala l-kbira.

<u>BLACK OUT - MUZIKA</u>
<u>Jinxteghel wara l-arkati u tibda zifna bis-silwetti biss. Wara ftit, iz-zeffiena johorgu QUDDIEM l-arkati, waqt li naraw silwetti tal-Mostru u Belle jizfnu flimkien.</u>

**********************************

**KANZUNETTA Nru.5 -**
" IZD' HEMM XI HAGA LI TANT DONNHA TAGHMEL SENS."

Camille:
Hekk x'hin narahom - flimkien qeghdin,
Kemm jidhru strambi waqt li jzommu id xulxin,
Hu ikrah tant - Hi sbejha mmens...
Izd' hemm xi haga li tant donnha taghmel sens.

Lumier:
Tant jidher goff - b'ghajnejn kefrin,
Jaf meta jrid anke jkun twajjeb u hanin,
U hi hemm hdejh - tistona mmens,
Izd' hemm xi haga li tant donnha taghmel sens.

Belle:
Jien...
Ma nafx din xortija,
X'ghandha lest ghalija fil-futur,
Jien...
qalbi biss mimlija
B'tama shiha li bi mhabba kbira ghad infur.

Cam. u Lum.
Il-warda daqt - tmut u tidbiel,
Imm' issa maghna hawn dit-tfajla kollha gmiel!
Hu ikrah tant - Hi sbejha mmens
Izd' hemm xi haga li tant donnha taghmel sens.
Izd' hemm xi haga li tant donnha taghmel sens.

**************************

<u>Johorgu Belle u l-Mostru id f'id</u>

Belle: Prosit, tizfen tassew tajjeb.

Mostru: Jien!? Grazzi. U inti... m'hemmx ghalfejn nghidlek... qisek farfett. Nittama li... ma dejjaqtekx izzejjed.

Belle: Le... le ma tarax.

Mostru: Belle. Inti tassew kuntenta hawn mieghi?

Belle: (<u>Tbaxxi rasha u ddum ma twiegeb</u>)
Inti kuntent?

Mostru: Jien? Kif qatt nista' jiena nkun kuntent?
Hadd minna t-tnejn mhu kuntent. Qeghdin nidhku bina nfusna. Inti tipprova ma turix... imma qieghda hawn bil-fors... kontra qalbek... priguniera.

Belle: Le... ma nhossnix priguniera.

Mostru: L-istess bhali, prigunier ta' din is-sura teribbli. (<u>Jaghtiha dahru</u>) Mur... mur lura lejn darek u lejn l-ghaziz missierek. Mur...

Belle: M'ghidtlix li... li se zzommni hawn ghal dejjem?

Mostru: Iva.. imma issa rega' bdieli.

Belle: Ma narakx aktar...

Mostru: Stenna. Hawn... ha din il-mera. Zommha ghandek. Kull meta thares go fiha tkun tista' tarani... x'hin trid. Issa mur

Belle: Grazzi.

Mostru: Mur... MUR... <u>M-U-R !!!!</u>

==============================================
TMIEM IT-TIENI ATT
==============================================

## *IT-TIELET ATT*

### ***<u>IL-BELT</u>***

*Kif jiftah is-separju naraw lil Gaston, Antoine u l-irgiel. Ftit battuti miz-zifna ta' "Gaston".*

**Jidhol MAURICE imwerwer.**

Maurice: X'wahda din... ajjut... ajjut...

Ragel.1: Ara Maurice... xi gralek, kif int abjad karti?

Ragel.2: Jaqaw Maurice... rajt xi fantazma?

Maurice: Aghar minn fantazma. WISQ aghar.

Ragel.3: Forsi ra <u>ZEWG</u> fantazmi.

Maurice: Rajt Mostru!!

IRGIEL IDURU MIEGHU JGHADDU Z-ZMIEN BIH!
Gaston jibqa' ghalih wahdu jhares lejhom bi tbissima.

Kulhadd: Tassew!!!

Ragel.4: Allura kif kien dal-Mostru?

Ragel.1: Kien itajjar in-nar minn halqu?

Antoine: Kien bil-qrun?

Maurice: Iva, bil-qrun u b'ras daqshiex u... u kien jitkellem bhalna...

Kulhadd: Hiiii.

Ragel.2: Bil-qrun u jitkellem.

Maurice: U b'ras ta' bhima.

Antoine: U nahseb kellu l-glekk u l-qalziet.

Maurice: Iva.. iva...!

Ragel.3: Mostru edukat mela!

Maurice: U zamm lil Belle priguniera fil-kastell tieghu.

Ragel.4: Ghandu kastell ukoll!

KULHADD jinfexx f'dahka kbira.

Gaston: (Jersaq bil-lajma lejn Maurice. L-irgiel jaghmlulu l-wisa') U zamm lil Belle priguniera tieghu...

Maurice: Jahasra Sur Gaston, nitolbok... kulhadd jaf kemm inti qalbieni u ma tibza' minn xejn. Igbor salt irgiel mieghek u imxu mmorru nehilsu lil binti minn taht idejn il-mostru. Dak zgur se joqtolha.

Gaston: U fejn jinsab il-kastell ta' dan il-Mostru?

Maurice: Fil-qalba tal-bosk... lil hinn mix-xmara...

Gaston: Tajjeb wisq. (B'teghmiza lill-irgiel): Hbieb, hudu lil sehibna Maurice sal-hanut.. u aghtuh x'jixrob biex jistejqer ftit... ghandu qatgha kbira fuqu u m'hawn xejn aqwa minn zewg grokkijiet konjak ghall-qtajja'. Sa dan it-tant ahna nhejju l-armi taghna. Xi tghidu hbieb?

Kulhadd: (Jidhku ghax fehmu c-cajt ta' Gaston)
Iva... iva... inhejju l-armi. (Jidhku)

Ragel.1: Imxi Maurice, ghax ma jistax ikun li mmorru nikkumbattu fuq stonku vojt.

Maurice: Grazzi.. grazzi...

KULHADD JITLAQ.

Jibqghu biss GASTON u ANTOINE.

Antoine: Af li ahjar ma mmorru nfittxuh xejn lil dal-Mostru tafx... il-periklu m'ghandniex xi rriduh.

Gaston: U x'periklu hu.... ta' mohhok?! Maurice miskin, ilu sejjer lura (Juri mohhu) u wasal iz-zmien li niehdu hsiebu.

Antoine: Jaqaw... jaqaw x'qed iberren dak il-mohh imqareb tieghek?

Gaston: Inti tiftakru hux lil habibna Dottor Ranier?

Antoine: Dazgur... dazgur...

Gaston: Dak ihobbhom dawk (il-flus). Jekk inzellqulu erba' soldi malajr nikkonvincuh jiehu lil sehibna Maurice taht idejh; izommu forsi ghal ftit taz-zmien, fil-... fil-...

Antoine: Fil-manikomju...???

Gaston: Fil-"Lukanda"... "Specjali" ... tieghu! Imbaghad l-imsejkna, helwa, gentili u MKABBRA... bintu, ikollha tilghaq kull ma qalet. Jew taccetta li tkun marti jew l-ghaziz missierha jkollu jibqa' msakkar hemm gew ghal dejjem.

Antoine: M'hawnx ghalik Gaston... af li inti tassew mohhok tajjeb tafx. Mhux ghall-kacca biss tinqala'!

Gaston: Issa fittex mur sib lil Dottor Ranier u ghidlu jfittex jigi mill-aktar fis. Issa stess. Kollox rasek u rasu. Ha... aghtih dawn. (Inewwillu borza flus).

Antoine: Halli kollox fi hsiebi Gaston.... (ihares lejn il-borza u jitbissem. Ikun se jitlaq imma Gaston isejjahlu).

Gaston: U haga ohra. Dik il-borza naf ezatt kemm flus fiha. Igri haffef.

ANTOINE jitlaq.
Minnufih jidhlu l-irgiel eccitati flimkien ma'
MAURICE u BELLE.

Maurice: Hawn ara, Belle tista' tghidilkom hi....

Ragel.4: Irnexxielha tahrab, tarax!

Ragel.1: Daqsiex kien il-mostru, Belle?

Ragel.2: Kien bil-qrun?

Ragel.3: U bil-glekk?

Ragel.4: U bil-qalziet?

Ragel.1: U kien jitkellem?

Belle: Imma ma kienx kattiv kif qed tahsbu intom. Kien.. kien qalbu tajba....

Maurice: X'inti tghid, Belle, ruhi... kien bhima feroci... salvagg.

Kulhadd: <u>JOGHXEW JIDHKU</u>

Gaston: Irgiel!

<u>Jaghmlilhom sinjal b'rasu. Tnejn min-nies jahtfu lil MAURICE u jzommuh sod.</u>

Gaston: It-twajjeb Maurice ghandu xokk kbir fuqu u jaghmillu tajjeb jekk imur iqatta' jumejn ghall-arja... ghall-kwiet...bejn erba' hitan.

<u>DAHK TAL-FOLLA</u>

Belle: Le.. le... missieri qed jghid il-verita`. Jien ukoll rajtu l-mostru u ... kellimtu...

Gaston: Tassew?? Belle, hanini, napprezza hafna li qed taghmel minn kollox biex tipprova issalva l-gieh ta' l-ghaziz missierek... imma...

Belle: Isktu... ilkoll kemm intom. Missieri mhu qieghed ihawwad xejn. Il-Mostru jezisti tassew. U tistghu tarawh intom ukoll. Hawn ara.

<u>TOHROG IL-MERA U TIPPUNTAHA LEJN IL-HAJT</u>.
<u>FUQ IL-HAJT TIGI PPROGETTATA S-SURA TAL-MOSTRU.</u>

<u>IL-FOLLA TGHAJJAT U TINGIBED LURA.</u>

Ragel.4: Mostru tal-biza'!

Ragel.3: U bil-qrun....

Ragel.2: Feroci...

Ragel.1: X'se naghmlu Gaston?

Ragel.4: Inhalluh jghammar hawn... f'din l-art taghna?

Ragel.3: U nipperikolaw il-hajjiet taghna u ta' wliedna?

Ragel.2: Forsi... qed tibza' minnu, Gaston?

Gaston: Min? Jien? JIEN? Gaston ma jibza' mill-ebda mostru. Immorru nassedjaw il-kastell tieghu. Min gej mieghi?

Kulhadd: Ahna....

Belle: Le jahasra. Il-Mostru ma jaghmel deni lil hadd. Tassew li surtu kerha... imma minn gewwa... hanin u gentili.

Gaston: Eh iva?? Issa se ddur kontra taghna wkoll? Trid taqbez ghal dan il-Mostru perikolu?

Belle: (Lil Gaston.. bi stmerrija kbira) Int... int tiftahar bi rgulitek u bi gmielek u kulhadd jghid kemm inti sabih u grazzjuz... MINN BARRA! Imma minn gewwa... int... int il-Mostru! Imxi missier, hawn mhux postna.
BELLE U MAURICE JITILQU.

Gaston: Hbieb... lestu l-armi.

************************

**KANZUNETTA Nru.6** - "NEQIRDUH"

Gaston:
Qalb id-dlam - ta' gol-bosk,
Minn gos-sigar sahharija
Nghaddu nigru qalbenija lkoll flimkien;
Ma niqfux - ma nhallux
Li tbezzaghna xi swidija sa ma naslu
tal-kefrija nsibu t-tmiem.

Nassedjaw il-kastell ta' dal-mostru
Nisfrudaw jekk hemm bzonn il-bibien,
Infittxuh u nkaxkruh u b'qawwietna neghlbuh...
U nfarrkuh!
Inbiccruh!
Neqirduh!

Folla:
Sur Gaston - mexxi int,
Taf li ahna lkoll hbieb tieghek,
Lilna ssibna dejjem mieghek f'dan l-irvell,
Bi sjuf kbar - ta' l-azzar
L-ebda mostru ma jbezzaghna, nidhlu nigru tant
kontrana fil-kastell

Sur Gaston kemm timliena bil-qawwa,
Int taghtina kuragg tassew kbir;
Lil dal-mostru nxejnuh, nassedjawh, indawruh
Sa ma fl-ahhar infarrkuh,
U nbiccruh!

Gaston: Neqirduh!
Folla: Neqirduh!

********************************

Gaston: Hbieb... farrku kull ma ssibu... imma lil mostru halluh ghalija... ha jkun jaf min hu Gaston!

Ma' tmiem il-kanzunetta jidhol Antoine u Dr. Ranier.

Antoine: Gaston... hawn Dr. Ranier... fejn hu Maurice?

Gaston: Issa dwar dil-bicca xoghol nitkellmu aktar tard. Issa se mmorru naqbdu l-Mostru.

Antoine: Mostru? X'mostru hu?

Gaston: Tlaqna!

KULHADD JITLAQ
ANTOINE JIBQA' WAHDU.

Antoine: Tajjeb wisq... mela "Immorru naqbdu l-Mostru!"

Ipoggi kobba ma ' l-art, johrog flixkun xorb mill-but u jibda jlegleg!

=============================================================

***TMIEM IT-TIELET ATT***

***IR-RABA' ATT***

IL-PALAZZ TAL-MOSTRU

TIDHOL BELLE

Belle: Lumier... Camille... Francois... fejn intom?

*Jidhlu Lumier, Francois u Camille wiehed wiehed*

Lumier: X'gara Belle... dan kif gejt lura?

Belle: In-nies tal-belt gejjin jattakkaw il-kastell.

Francoise: Jattakkaw il-kastell?!

Camille: Dan ghala... x'inqala'?

Belle: Fittxu avzaw lil sidtkom. Kollu tort ta' Gaston... haffu... ghalqu l-bibien kollha.

Lumier: Camille... int mur avza lis-sefturi l-ohra. Francois, inti fittex mur tella' l-pont. Jien se mmur navza lis-sid.

Camille: Tard wisq... ga qed jaqsmu l-pont.

Lumier: Jekk iridu glieda, nafu kif niqfulhom. Tlaqna.

KULHADD JITLAQ.

Minn wara l-arkati mixghulin naraw silwett tal-
glieda. MUZIKA. Wiehed wiehed il-gellieda jnaqqsu sa ma jitilqu lkoll. Min-naha jidhol il-Mostru u min-naha l-ohra Gaston.

*Glieda bejn il-Mostru u Gaston.*

Fl-ahhar parti tal-glieda tidhol BELLE minn QUDDIEM l-arkati (jigifieri ma tkunx silwettata) u tara lill-Mostru joqtol lil Gaston, imma qabel ma dan jaqa' mejjet jinfed sider il-mostru.

Belle: Le... le....

*Belle tidhol WARA l-arkati. Naraw silwett tal-*
*Il-MOSTRU jaqa' ma' l-art bil-mod il-mod waqt li Belle qalbha maqsuma. Tersaq lejh bil-hlewwa, tmellislu rasu u titbaxxa tbusu.*

Belle: Ghaliex? Ghid? Ghaliex? Ma tafx... ma tafx ...li nhobbok?
<u>DAWL IBERRAQ. Naraw silwett tal-Mostru jqum mill-art bhala PRINCEP.</u>

<u>Minn QUDDIEM l-arkati jidhlu z-zeffiena (sefturi) tal-palazz.</u>

***************************

<u>**KANZUNETTA Nru.7**</u> <u>"HRAFA ILHA ZMIEN!"</u>

KOR:

Hrafa ilha zmien,
Le mhi hrafa xejn!
Dak li l-wicc jurik - jista' jqarraq bik...
Oqghod b'seb' ghajnejn!

Fittex sew fil-fond,
Taht il-wicc ghajjien,
Hemm issib il-gmiel - li qatt ma jidbiel,
Hrafa ilha zmien!

Dlonk tarah il-blat
Deheb leqqien isir,
Dak li kien fit-tajn - mghaffeg mas-saqajn,

Sarlek tezor kbir!

Wara d-dlam tal-lejl,
Jasal dawl il-jum,
Jekk jinzerta l-ksieh - shab u xita w rih,
Le dan qatt ma jdum.

Taqta' qalbek qatt,
Sabrek zomm sat-tmiem,
Gmiel hemm li jhennik - lest ukoll ghalik...
Hrafa ilha zmien!

******************

Ma' tmiem il-kanzunetta jidhol MAURICE.

Maurice: Belle... ruhi qalbi... in-nies tal-Belt qed jghidu li Gaston u l-Mostru mietu t-tnejn. F'hajjet Alla! (Jintebah bil-Princep) Skuzani Sinjur... qatt ma rajtek f'dawn l-inhawi.

PRINCEP: Fil-fatt... ga ltqajna. U se nsiru nafu 'l xulxin mill-qrib hafna. Xi tghid Belle?

TIRREPETI L-KANZUNETA Nru.7

============================================================

**TMIEM**